KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 62

It-tnejn u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2023 fl-4pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kevin Wain | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | n/a |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**62.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

62.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri P.P.Portelli u K.Wain mhux se jattendu.

**62.2 APPROVAZZJONI TAL-AUDITED FINANCIAL STATEMENTS**

62.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-accountant Christian Vella għall-attendenza tiegħu u għax-xogħol illi sar sabiex il-Kunsill jagħlaq l-audit. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi ftit ta' xhur ilu l-Kunsill kien diġà approva l-Unaudited Financial Statements 2022.

62.2.2 Is-sur Vella qal illi ma kien hemm l-ebda problemi minn naħa tal-awdituri u pproponew biss 6 affarijiet illi ġew relokati. Dan ifisser illi minflok ma jidhru taħt punt partikolari qegħdin juru f'post differenti u din ma taffetwax il-bilanċi totali tal-Financial Statements.

62.2.3 L-Accountant ta spjegazzjoni ta' dawn ir-relokazzjonijiet u qal illi fil-fehma tiegħu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għall-approvazzjoni tad-dokument. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Unaudited Financial Statements kienu ġew approvati u m'hemm l-ebda tibdil kif diġà ġie spjegat.

62.2.4 Il-kunsillier Emmanuel Borg ippropona li dawn il-Financial Statements jiġu approvati. Il-kunsilliera V.Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**62.3 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

62.3.1 Is-Seduta ntemmet fil-17:15.

Minuti approvati llum 14 ta' Ġunju 2023

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| John Pillow<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |